

Brussell, 6 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13612/25

PECHE 304
DELECT 145

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 6621 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'6.10.2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2833 fir-rigward tad-derogi dwar ir-rappurtar tal-kummerċ intra-UE u ċerta informazzjoni dwar it-tikkettar, u d-determinazzjoni tal-piż tat-tonn individwali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 6621 final.

Mehmuż: C(2025) 6621 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.10.2025
C(2025) 6621 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 6.10.2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2833 fir-rigward tad-derogi dwar ir-rappurtar tal-kummerç intra-UE u ċerta informazzjoni dwar it-tikkettar, u d-determinazzjoni tal-piż tat-tonn individwali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Il-fini tar-regolament delegat huwa li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ sabiex jimplimenta l-aħħar bidliet tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 21–18 dwar l-applikazzjoni tas-sistema elettronika għad-Dokument dwar il-Qabdiet tat-Tonn (eBCD, electronic Bluefin Tuna Catch Document Programme). Il-bidliet ġew adottati fis-sura ta' rakkomandazzjonijiet² fl-24 laqgħa speċjali tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT, International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas) f'Novembru 2024.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2023/2833, il-Kummissjoni kkonsultat mal-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura dwar l-abbozz tar-regolament.

Fi qbil mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Ligijiet³, ir-regolament delegat ġie ppreżentat lill-koleġislaturi (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) għall-konsultazzjoni fil-livell tal-esperti.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat jemenda r-Regolament (UE) 2023/2833 billi:

Jħassar l-iskadenzi tad-derogi msemmija fl-Artikolu 5(4) u l-Artikolu 6(5), u *de facto* li d-deroga ssir permanenti.

¹ Ir-Regolament (UE) 2023/2833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qabdiet tat-tonn (Thunnus thynnus) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 640/2010 (ĠU L, 2023/2833, 20.12.2023), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2833/oj>

² Ir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 24–16 li temenda r-Rakkomandazzjoni 22–16 li temenda r-Rakkomandazzjoni 21–18 dwar l-applikazzjoni tas-sistema elettronika għad-Dokument dwar il-Qabdiet tat-Tonn <https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2024-16-e.pdf>

³ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'6.10.2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2833 fir-rigward tad-derogi dwar ir-rappurtar tal-kummerċ intra-UE u ċerta informazzjoni dwar it-tikkettar, u d-determinazzjoni tal-piż tat-tonn individwali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/2833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni dwar il-qabdiet tat-tonn (Thunnus thynnus) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 640/2010⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(e) tiegħu,

Billi:

L-Unjoni hija parti għall-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), wara li approvat l-adeżjoni għall-Konvenzjoni tal-ICCAT skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE⁵.

- (1) L-ICCAT tadotta l-miżuri biex tiżgura l-konservazzjoni fuq terminu twil u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT u biex tissalvagwardja l-ekosistemi tal-baħar li dawn ir-riżorsi jinsabu fihom. Dawn il-miżuri huma vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (2) Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/2833, l-ICCAT adottat, fil-laqgħa annwali tagħha tal-2024, ir-rakkomandazzjoni 24-16⁶ fir-rigward tal-applikazzjoni tal-programm elettroniku ta' dokumentazzjoni tal-qabdiet tat-tonn. Ir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 24-16 tinkludi d-dispożizzjonijiet li jagħmlu d-derogi speċifiċi dwar ir-rappurtar tal-kummerċ intra-UE u ċerta informazzjoni dwar it-tikkettar permanenti, fid-dawl tal-piż amministrattiv eċċessiv u tad-differenzi fit-trattament li joħolqu dawn ir-rekwiżiti ta' validazzjoni.
- (3) Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjoni tal-ICCAT 24-16 tallinja l-mod li bih il-piż approssimattiv tal-ħut individwali fil-qabda mal-ħatt tal-ħut jiġi ddeterminat fl-Unjoni mal-prattiki attwali, peress li l-ħut kollu li jinħatt l-art jintiżen, u l-kampjunar mhuwiex meħtieġ biex jiġi ddeterminat il-piż medju tat-tonn individwali li jinħatt l-art.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2023/2833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qabdiet tat-tonn (Thunnus thynnus) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 640/2010 (ĠU L, 2023/2833, 20.12.2023), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2833/oj>

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll meħmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenżjari tal-Istati li jiffirmaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 24-16 <https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2024-16-e.pdf>

- (4) Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/2833 jiġi emendat kif xieraq.
- (5) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (UE) 2023/2833

Ir-Regolament (UE) 2023/2833 huwa emendat kif ġej:

l-Artikolu 5(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dik id-deroga. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar il-verifika mill-Istati Membri prevista fl-Artikolu 9, dwar l-eżiti ta' dik il-verifika u data dwar l-avvenimenti kummerċjali kkonċernati, inkluża l-informazzjoni statistika rilevanti bħall-ammont ta' tonn u l-għadd ta' attivitajiet kummerċjali koperti minn dik id-deroga.”;

l-Artikolu 6(5) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. B'deroga mill-paragrafu 4, il-punt (b)(v), ta' dan l-Artikolu, għal dak is-sajd soġġett għad-derogi fir-rigward ta' daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2023/2053, l-Istati Membri jistgħu minflok jipprovdu l-piż approssimattiv tal-ħut individwali fil-qabda waqt il-ħatt l-art, li għandu jiġi ddeterminat billi tiġi kkalkulata l-medja tal-piż totali tal-ħatt l-art fir-rigward tal-għadd totali tal-ħut individwali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6.10.2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN